31968R0234

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 234/68

tas-27 Frar 1968

dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fis-siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u simili, fjuri maqtugħa u weraq għat-tiżjin

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 42 u 43 tiegħu

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1])

Billi l-operazzjoni u l-iżvilupp tas-suq komuni tal-prodotti agrikoli għandhom ikunu akkumpanjati bl-istabbiliment ta' politika agrikola komuni sabiex tinkludi partikolarment organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli li tista' tieħu forom varji skond il-prodott;

Billi l-produzzjoni tas-siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u simili, fjuri maqtugħa u weraq għat-tiżjin (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "pjanti ħajjin") hija ta' importanza partikolari għall-ekonomija agrikola ta' ċertu reġjuni tal-Komunità; billi għal dawk li jkabbru f'dawn ir-reġjuni l-qligħ minn din il-produzzjoni jirrappreżenta parti sostanzjali mill-qligħ tagħhom; billi għalhekk għandhom isiru sforzi, permezz ta' miżuri approprjati, biex jinġieb 'il quddiem in-negozju razzjonli ta' din il-produzzjoni u sabiex jiġu assigurati kondizzjonijiet stabbli għas-suq;

Billi waħda mill-miżuri li għandhom jittieħdu bl-iskop li tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni tas-suq hija l-applikazzjoni ta' *standards* komuni ta' kwalità għall-prodotti in kwistjoni; billi l-applikazzjoni ta' dawn l-*istandards* għandu jkollha l-effett li telimina mis-suq prodotti ta' kwalità mhux sodisfacenti u li tippromwovi relazzjonijiet kummercjali fuq bażi ta' kompetizzjoni ġenwina, u b'hekk tikkontribwixxi biex il-produzzjoni tkun iktar redditizja;

Billi l-applikazzjoni ta' dawn l-istandards titlob li jkun hemm forma ta' ispezzjoni għall-kwalità tal-prodotti li huma soġġetti għall-istess *standards*; billi għalhekk għandu jkun hemm disposizzjoni sabiex tiġi assigurata din l-ispezzjoni;

Billi l-esportazzjoni tal-basal tal-fjuri lejn pajjiżi terzi hija ta' importanza ekonomika konsiderevoli għall-Komunità; billi l-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ta' dawn l-esportazzjonijiet tista' tiġi assigurata billi jinżammu stabbli l-prezzijiet f'dan in-negozju; billi għandha għalhekk issir disposizzjoni għall-prezzijiet minimi ta' esportazzjoni għall-prodotti in kwistjoni;

Billi l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-pjanti ħajjin tiġġustifika l-applikazzjoni tat-Tariffa Doganali Komuni; billi, barra minnhekk, ir-regolamenti fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi għandhom jiġu koordianti u unifikati mingħajr dewmien;

Billi, sabiex is-suq tal-Komunità ma jitħalliex mingħajr difiża kontra disturbi eċċezzjonali li jistgħu jinqalgħu minħabba l-importazzjoni u l-esportazzjoni, il-Komunità għandha tkun tista' tieħu l-miżuri kollha necessarji mingħajr dewmien;

Billi l-organizzazzjoni komuni tas-suq tinvolvi t-tneħħija fil-fruntieri interni tal-Komunità ta' l-ostakoli kollha għall-moviment liberu tal-merkanzija in kwistjoni;

Billi d-disposizzjonijiet tat-Trattat li jipprovdu għall-istima ta' l-għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri u l-projbizzjoni ta' dawk li huma inkompatibbli mas-suq komuni għandhom ukoll japplikaw għall-pjanti ħajjin;

Billi, sabiex tiġi ffacilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti, għandha tkun provduta proċedura biex tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Amministrattiv;

Billi l-organizzazjoni komuni tas-suq fil-pjanti ħajjin għandha fl-istess ħin, tieħu kont approprjat, tal-miri stabbiliti fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

([1]) ĠU Nru 156, 15.7.1967, p. 27.

Artikolu 1

Organizzazjoni komuni tas-suq tas-siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u oġġetti simili, fjuri maqtugħa u weraq għattiżjin għandha tiġi stabbilita fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 6 tat-Tariffa Doganali Komuni; għandha tkopri *standards* komuni ta' kwalità u sistema ta' negozju.

Artikolu 2

Sabiex tiġi inkoraġġita l-azzjoni minn organizzazzjonijiet ta' negozju u ta' negozju konġunt, il-miżuri Komunitarji li ġejjin jistgħu jittieħdu fir-rigward tal-prodotti imsemmija fl-Artikolu 1:

— miżuri sabiex titjieb il-kwalità u tiġi stimolata d-domanda;

— miżuri biex jippromwovu organizzazzjoni aħjar tal-produzzjoni u tan-negozju;

— miżuri sabiex jiffacilitaw ir-reġistrazzjoni ta' tendenzi tal-prezz tas-suq

Regoli ġenerali li jikkonċernaw il-miżuri għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat

Artikolu 3

Standards ta' kwalità, tad-daqs u ta' l-ippakjar, u il-qasam ta' applikazzjoni ta' dawn l-*istandards*, jistgħu jiġu determinati għall-prodotti imsemmija fl-Artikolu 1, jew għal gruppi ta' dawn il-prodotti; l-*istandards* jistgħu b'mod partikolari jirreferu għall-gradi ta' kwalità, għall-ippakjar, għall-preżentazzjoni u għall-immarkar.

Meta jkunu ġew adottati *standards*, il-prodotti li japplikaw għalihom ma jistgħux jiġu esposti għall-bejgħ, offerti għall-bejgħ, mibjugħa, ikkunsinnati jew imqiegħda fis-suq b'xi mod ieħor ħlief skond l-istess *standards*.

Standards u r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jiġu adottati mill-Kunsill waqt li jaġixxi skond il-procedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat fuq proposta mill-Kummissjoni

Artikolu 4

Aġġustamenti għall-*istandards* ta' kwalità sabiex jieħdu kont talħtiġiet tat-teknika tal-produzzjoni u tal-*marketing* għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jissuġġettaw għall-ispezzjoni ta' kwalità prodotti li għalihom ikunu ġew stabbiliti *standards* ta' kwalità. Għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' kull *standard* ta' kwalità, bl-isem u l-indirizz ta' l-entitajiet afdati bl-ispezzjoni ta' kull prodott jew grupp ta' prodotti li għalihom jiġi stabbilit l-*istandard*.

2. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati kif neċessarju skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14, filwaqt li jittieħed kont b'mod partikolari tal-bżonn li tiġi assigurata l-koordinazzjoni taxxogħol ta' l-entitajiet ta' ispezzjoni u l-uniformità fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' *standards* ta' kwalità.

Artikolu 6

Meta l-*istandards* ikunu ġew stabbiliti, l-offerti kollha magħmula lill-pubbliku permezz ta' reklami, katalgi jew listi tal-prezzijiet għandhom jinkludu, jekk il-prezz huwa kkwotat, referenza għan-natura tal-prodott u għall-grad tad-daqs tiegħu.

Artikolu 7

1. 1.Għal kull prodott li jaqa' taħt l-Intestatura Nru 06.01 A tat-Tariffa Doganali Komuni, prezz minimu wieħed jew aktar għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jista' jiġi ffissat kull sena fi żmien adegwat qabel l-istagun tan-neġozju, li jibda fl-1968, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

L-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti għandha tkun permessa biss bi prezz ugwali għal jew aktar mill-prezz minimu ffissat għall-prodott in kwistjoni.

2. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

Artikolu 8

1. It-Tariffa Doganali Komuni għandha tiġi applikata mill-1 Lulju 1968 għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1; minn dik id-data l-ebda dazji doganali oħrajn ma għandhom jiġu imposti.

2. Id-disposizzjonijiet necessarji għall-koordinazzjoni u l-unifikazzjoni tas-sistemi ta' l-importazzjoni applikati minn kull Stat Membru fir-rigward ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu adottati qabel l-1 Lulju 1968 mill-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-procedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat fuq proposta mill-Kummissjoni.Dawn il-miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 Jannar 1969.

Artikolu 9

1. Jekk minħabba importazzjoni jew esportazzjoni s-suq Komunitarju għal wieħed jew aktar mill-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 jgħaddi minn jew ikun mhedded b'disturbi serji li jistgħu jipperikolaw l-objettivi msemmija fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri approprjati jistħu jiġu applikati fin-negozju ma' pajjiżi terzi sakemm dan id-disturb jew it-theddida ta' disturb jieqaf.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi l-każijiet u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 isseħħ, il-Kummissjoni għandha, fuq it-talba ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva proprja tagħha, tiddeċiedi fuq il-miżuri neċessarji; dawn il-miżuri għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Membri u għandhom jiġu applikati immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tiddeċiedi fuq din it-talba fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta tkun irċevietha.

3. Il-Miżuri li tkun ħadet deċiżjoni fuqhom il-Kummissjoni jistgħu jiġu riferuti lill-Kunsill minn kull Stat Membru fi żmien tlett ijiem utli wara d-data li fiha ġew ikkomunikati. Il-Kunsill għandhu jiltaqa' mingħajr dewmien. Jista' jemenda jew jħassar il-miżuri in kwistjoni skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat..

Artikolu 10

1. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit fin-negozju intern tal-Komunità:

— l-imposta ta' xi dazju doganali jew piż li jkollu effett ekwivalenti.

— kull restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha effett ekwivalenti.

— rikors għall-Artikolu 44 tat-Trattat.

2. B'deroga għad-disposizzjonijiet tat-tieni u t-tielet inċiżi tal-paragrafu 1, il-manteniment ta' restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti u rikors għall-Artikolu 44 tat-Trattat għandhom jibqgħu awtorizzati:

— għal tirqid u biċċiet tad-dwieli (Tariffa Doganali Komuni Intestatura Nru 06.02 A I) u biċċiet tad-dielja, imlaqqma jew bl-għeruq (Tariffa Doganali Komuni Intestatura Nru 06.02 B) sad-data ffissata għall-applikazzjoni fl-Istati Membri kollha tad-disposizzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill dwar il-*marketing* ta' materjali għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja;

— għall-pjanti mħawla u siġar żgħar tal-frott u sġajjar (Tariffa Doganali Komuni Intestatura Nru 06.02 C II) sal-31 Dicembru 1968

Fir-Rigward ta' pjanti mħawla u siġar żgħar tal-frott u sġajjar (Tariffa Doġanali Komuni Intestatura Nru 06.02 C II) il-Kunsill għandu jaddotta dawk il-miżuri li jistgħu ikunu meħtieġa skond l-Artikoli 3, 12 jew 18 ta' dan ir-Reġolament.

Artikolu 11

Ħlief kif provdut xort' oħra f'dan ir-Regolament, l-Artikoli 92 sa 94 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-produzzjoni ta', u n-negozju fil-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 12

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat, għandu jżid ma' dan ir-Regolament aktar disposizzjonijiet li jkunu meħtieġa fid-dawl ta' l-esperjenza.

Artikolu 13

1. Kumitat Amministrattiv għall-pjanti ħajjin (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-'Kumitat') għandu jiġi stabbilit, u jkun kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Fil-Kumitat il-voti ta' l-Istati Membri għandhom jiġu peżati skond l-Artikolu 148 (2) tat-Trattat. Il-President m'għandux jivvota.

Artikolu 14

1. Meta l-proċedura stabbilita b'dan l-Artikolu għandha tiġi segwita, il-President għandu jirreferi l- kwistjoni lill-Kumitat jew fuq inizjattiva proprja tiegħu jew fuq talba ta' rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-Opinjoni tiegħu fuq dawn il-miżuri f'limitu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit mill-President skond l-urġenza tal-kwistjonijiet ikkunsidrati. Opinjoni għandha tiġi adottata b'maġġoranza ta' tnax-il vot.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li japplikaw immedjatament. Madanakollu, jekk dawn il-miżuri mhumiex skond l-Opinjoni tal-Kumitat, dawn għandhom minnufih jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill. F'dak il-każ il-Kummissjoni tista' tiddiferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun adottat għal mhux aktar minn xahar mid-data ta' din il-komunikazzjoni.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura tal-votazzjoni msemmija fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar.

Artikolu 15

Il-Kumitat jista' jikkunsidra kull kwsitjoni oħra msemmija lilu mill-President tiegħu jew fuq l-inizjattiva proprja tiegħu jew fuq it-talba ta' rappreżentant ta' Stat Membru.

Artikolu 16

Fl-aħħar tal-perjodu transitorju, il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-procedura ta' votazzjoni msemmija fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi fid-dawl ta' l-esperjenza jekk għandux iżomm jew jemenda d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 14.

Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat b'mod li jieħu kont approprjat, fl-istess ħin, tal-miri msemmja fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet adottati jew li għandhom jiġu adottati sabiex jiġu approssimati d-disposizzjonijiet li jkunu ġew stabbiliti bil-liġi, bir-regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri u li huma maħsuba sabiex iżommu jew itejbu l-livell tekniku jew ġenetiku tal-produzzjoni ta' certi prodotti koperti bl-Artikolu 1 u maħsuba specifikament għar-riproduzzjoni.

Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ippublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1968.

Dan ir-Regolament ġħandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-27 Frar 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

E. FAURE